MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 71/2005

**Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Lawrence Grech abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi u l-istess Lawrence Grech**
**vs**
**Marie Kate Dimech**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Jannar, 2005, fejn intqal :**
**Illi fl-20 ta' Gunju, 2004, f'Wesgha tal-Muzew, Rabat, waqt li l-konvenuta kienet qed issuq il-vettura DMC-123, hija habtet mal-vettura ABF-168 misjuqa minn Lawrence Grech u b'rizultat tal-kollizzjoni, ikkawzat danni fil-vettura tal-istess Lawrence Grech, u ghall-liema kollizzjoni hija responsabbli unikament il-konvenuta minhabba traskuragni, imperizja, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha.**

**Illi s-socjeta` attrici abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni li ghandha mal-assigurat taghha ikkompensatu tad-danni rizultanti mill-imsemmi incident, ghajr ghall-excess relattiv.**
**Illi b'rizultat tal-imsemmija kollizjoni kkawzata mill-konvenuta, l-atturi sofrew danni ammontanti ghal mitejn u tlieta u ghoxrin lira u sebgha u tletin centezmu (Lm223.37) u nonostante li l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas, hija baqghet inadempjenti.**
**Ghaldaqstant l-atturi qed jitolbu li l-konvenuta tigi ddikjarata unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni, minhabba negligenza, imperizja, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha u li tigi kkundannata thallas lill-atturi s-somma ta' mitejn u tlieta u ghoxrin lira u sebgha u tletin centezmu (Lm223.37), in kwantu ghal mija u tmienja u disghin lira u sebgha u tletin centezmu (Lm198.37) lis-socjeta` attrici u hamsa u ghoxrin lira (Lm25.00) lill-attur Lawrence Grech.**
**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tas-16 ta' Settembru, 2004 u dawk tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment kontra l-assigurazzjoni taghha, kontra l-konvenuta, ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuta prezentata fis-27 ta' Jannar, 2005, fejn intqal:**
**i. Illi l-incident tat-traffiku in kwistjoni gara unikament bi htija ta' l-attur Lawrence Grech ;**
**ii. Ghalhekk fejn jirrigwarda l-eccipjenti ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-atturi. Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess, l-atturi ghandhom igibu l-prova tad-danni skond il-Ligi.**
**iii. Inoltre ma hemmx lok ghall-kundanna tal-eccipjenti ghall-hlas ta' danni favur l-atturi.**
**iv. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.**
**v. Bl-ispejjez kontra l-atturi.**

**Semgha x-xhieda ta' Andrew Pizzuto, Lwrence Grech, Marvic Grech, u W243 Clayton Frendo. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra :**

**1. Il-kaz jirrigwarda kollizzjoni li sehhet bejn il-vettura ABF-168 misjuqa minn Lawrence Grech u l-vettura DMC-123 misjuqa minn Marie Kate Dimech. L-incident sehh fl-20 ta' Gunju, 2004 f'Wesgha tal-Muzew, Rabat.**

**2. Skond Grech hu kien gejn mid-direzzjoni tal-Imtahleb sejjer fid-direzzjoni tac-Cimiterju. Meta qabes ic-Cimiterju kien hemm parkegg fuq ix-xellug. Jghid li xeghel l-indicator. Jghid li kien wieqaf meta laqtitu l-konvenuta fuq il-bumper ta' wara. Grech cahad li kien qed jirriversja. Hu ma qabilx ma dak li nizzel il-Warden. Hu jghid li l-post tal-parkegg li ried jidhol fih kien quddiemu u ghalhekk ma kellux ghalfejn jregga lura. Skond l-attur kien hemm karrozzi fil-« parking bays » indikati bin-numri 1, 2 u 3 fl-iskizz Dok.JZM1.**

**3. Marvic Grech, mart l-attur, bazikament tikkonferma dak li qal zewgha. Tghid ukoll li l-konvenuta ammettiet maghhom it-tort. Hi ukoll xehedet li fil-mument tal-impatt kienu weqfin.**

**4. Il-konvenuta Marie Kate Dimech kienet gejja mill-istess direzzjoni. Hi tghid liwara l-attur kien hemm zewg karrozzi mexjin li qalugh, u b'hekk hi giet li kienet warajh. Skond il-konvenuta, Grech beda jregga lura, meta kien distanza ta' circa karozza u nofs il-boghod minnha. Hi tghid li marret biex tiskapulah, filwaqt li hu kien ghadu qed jregga lura. Il-konvenuta intlaqtet mat-tyre ta' wara tan-naha tax-xellug, filwaqt li Grech intlaqat fuq il-bumper u l-parti ta' wara n-naha tal-lemin. Il-konvenuta ssostni li Grech xeghel l-indicator biex juri li ser idur lejn il-lemin, u mhux kif rapportat mill-warden.**

**5. Iz-zewg sewwieqa kellhom obbligi x'josservaw. Jirrizulta li l-attur anke jekk kien qed jregga, lura kien qed jregga lura bil-mod, u dana meta kien karrozza u nofs il-boghod mill-konvenuta. F'sitwazzjoni bhal din l-attur kellu obbligu li joqghod attent waqt li qed jregga lura, li juza l-massima prudenza, u jassigura li jista' jaghmel tali manuvra minghajr ma jkun ta' perikolu ghall-vetturi l-ohra ghaddejjin fit-triq. L-attur kellu l-obbligu li hu u jregga lura jara sew x'hemm**

**warajh, u jaghmel l-indikazzjoni opportuna, u jwaqqaf jekk hemm bzonn. Il-konvenuta kellha obbligu li tara x'qed jigri quddiema, u f'dan il-kaz, stante li Grech ma kienx qed jregga lura b'xi velocita`, kieku qaghdet izjed attenta l-incident seta jigi evitat. Ma hemmx dubbju li z-zewg vetturi li qabzu lil Grech gabu lill-konvenuta f'sitwazzjoni fejn kellha ta' malajr taghmel il-valutazzjonijiet taghha, meta kienet biss karrozza u nofs il-boghod minnu, u meta Grech kien qed jregga lura, u ghalhekk id-distanza ta' bejn il-vetturi kienet qed tonqos drastikament, pero` kienet distanza li tippermettilha tiehu evasive action. Ghalhekk it-Trbunal tenut kont tac-cirkostanzi kollha huwa tal-fehma li z-zewg sewwieqa kienu jahtu ugwalment ghall-eventwali kollizzjoni.**

**6. Id-danni subiti jammontaw ghall- mitejn u tlieta u ghoxrin lira u sebgha u tletin centezmu (Lm223.37). Ghalhekk il-konvenuta ghandha thallas lill-atturi s-somma ta' mija u hdax-il lira maltija u tmienja u sittin centezmu (Lm111.68).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed isib liz-zewg sewwieqa responsabbli ghall-incident fi grad ugwali u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sitta u tmenin lira Maltija u tmienja u sittin centezmu (Lm86.68) u lill-attur is-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25.00), ilkoll bl-imghax legali dekkoribbli mill-lum.**

**Fic-cirkostanzi l-ispejjez ta' dina l-istanza, ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------